Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija

(Spettur Frans Micallef)

vs

Joseph Gauci

Illum 10 ta' Jannar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Joseph Gauci, detentur ta' karta tal-identita Nru 236659(M) li permezz taghhom gie akkuzat talli f'Capway Flats, Flat 1, li qieghed f'Luqa Briffa Street, Gzira, bejn it-30 ta' Marzu, 1991 u it-2 ta' Ottubru, 1995, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti u li jikskru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, bhala sid tal-post jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghall-LM79.39.0 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin u talli fl-istess zmien, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kiser jew ghamel hsara f'dan l-apparat;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-2 ta' Ottubru, 1995 Angelo Ellul impjegat mal-EneMalta Corporation illi kien ghamel spezzjoni flat Capway Flats, Flat 1, Luqa Briffa Street, Gzira sab illi l-meter tad-dawl fl-imsemmi fond kien imbaghbas.  Il-meter kellu is-sigill nieqes u kien wieqaf.  Illi gie stabbilit illi sid dan l-appartament kien l-imputat fuq imsemmi.  Kien hemm certa Rowena Grima li kienet tghix hemm hekk illi qalet illi kienet kriet dan il-fond u kienet ilha toqghod fih xahrejn qabel id-data tal-ispezzjoni.  Gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa u saret Inkjesta Magisterjali. Illi fil-mument li saret l-ispezzjoni imsemmija kienet prezenti l-inkwilina Rowena Grima illi kienet tirrisjedi fil-fond in kwistjoni f'dak il-hin.

Illi xehed Silvio Decelis u qal illi fil-perjodu li fih saret 'surprise inspection' mill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta, il-meter tad-dawl in kwistjoni kien skonettjat u ghalhekk ma kienx qieghed jirregistra ebda konsum.  Illi l-ammont ta' dawl misruq jammonta, dejjem skond Silvio Decelis, ghal disa u sebghin lira u disa u tletin centezmu (LM79.39.0).  Is-Sur Decelis xehed illi xi hadd fetah ix-shunt tal-meter u b'hekk il-meter ma baqax jirregistra l-konsum u li kien jithallas biss kien il-kera tal-meter tad-dawl in kwistjoni.  Il-meter tad-dawl in kwistjoni kien registrat fuq l-imputat fuq imsemmi illi huwa l-proprjetarju tal-fond.

Illi xehdet Rowena Grima u qalet illi kienet kriet il-fond in kwistjoni minghand l-imputat fuq imsemmi ghall-skopijiet ta' negozzju ghall-habta ta' Settembru, 1995. Rowena Grima kompliet tixhed illi n-negozzju fil-fatt ma sehhx u hija kriet il-fond lil haddiehor. Hija qalet illi l-meter tad-dawl in kwistjoni kien registrat f'isem l-imputat pero' l-kontijiet tad-dawl dejjem kienet thallashom hi.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi l-fond in kwistjoni kien xtrah ghall-habta tal-bidu tan-1988 u ghall-bidu kien juza l-fond bhala r-residenza tieghu u dan ghal xi sena, sena u nofs. Sussegwentement, dejjem skond l-imputat, huwa mar jghix x'imkien iehor u l-fond Flat 1, Capway Flats, Luqa Briffa Street, Gzira kien jikrih. Darba minnhom kien hemm xi refugjati Iraqin illi kien krilhom dan il-fond. Il-post kien ghamel xi zmien vojt u umbaghad krieh lil xi agenzija li kienet tibghatlu klijenti li l-ahhar wahda minnhom kienet Rowena Grima. L-imputat xehed bil-gurament tieghu illi huwa qatt ma baghbas fil-meter tad-dawl in kwistjoni. Huwa qal ukoll illi l-blokk fih madwar sitta jew tmien appartamenti u l-meters tad-dawl relattivi jinsabu fl-indana tal-blokk tal-flats kif tidhol maqtughin ghalihom f'locker, pero' ma jissakkrux. Huwa xehed illi kulhadd jista jaccedi ghal blokk, bhal per ezempju il-postman, tal-halib, delivery

man ecc.  L-imputat kompla jixhed illi bejn it-30 ta' Marzu, 1991 u t-2 ta' Ottubru, 1995 kienu jirresjedu fil-fond l-Iraqqini u Miss Rowena Grima u mhux hu.  L-imputat xehed ukoll illi l-inkwilini dejjem kienu imorru jhallsu l-kont tad-dawl huma u kienu jibghatulu ircevuta li kienet tkun turi illi fil-fatt huma kienu hallsu l-kont tad-dawl.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri u irrizulta mix-xhieda tieghu kif ukoll mix-xhieda ta' Rowena Grima illi fiz-zmien in kwistjoni, fiz-zmien illi saret l-ispezzjoni huwa ma kienx jokkupa l-fond in kwistjoni u lanqas ma kellu l-kontroll tal-fond in kwistjoni u dana peress illi fiz-zmien in kwistjoni, fiz-zmien meta saret l-ispezzjoni u fiz-zmien illi sar l-allegat serq ta' dawl mill-fond in kwistjoni l-fond kien qieghed jigi okkupat minn Rowena Grima.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-imputat irnexxielu jeghleb il-presunzjoni imsemmija fl-Artikolu 264 tal-Kap. 9.

Illi gie ippruvat ukoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni jinsab f'post illi huwa facilment accessibbli ghal kull min jidhol fil-

blokk ta’ appartament in kwistjoni inkluz deliveryman, postman, tal-halib ecc.

Ili ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjonjijiet kollha migjuba kontra tieghu qeghda **tilliberah** minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur